MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 331/2011

**Mary Claire Cachia**
**ID-513280M**

**vs**

**Kool Air Systems Limited**
**C-17877**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi kienet ordnat mis-socjeta' konvenuta solar heater u zewg pompi ghal valur kumplessiv ta' elfejn mija u tlieta u tmenien Ewro (€2,583.00); illi l-partijiet kienu ftehmu illi s-solar heater kellu jkun ta' tlett mitt litru (300litru), izda fil-fatt is-socjeta' konvenuta ordnat wiehed ta' mija u tmenien litru (180 litru). Dan ma giex accettat mill-attrici; illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta rrifondiet l-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400.00), ghad fadal bilanc ta' elfejn mija u tlieta u tmenien Ewro (€2,183.00); illi ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Frar, 2010,

is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux jiddikjara r-rexxizjoni tal-bejgh u b’hekk jigi refuz il-bilanc ta’ elfejn mija u tlieta u tmenien Ewro (€2,183.00).

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ elfejn mija tlieta u tmenin Ewro (€2,183.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------